MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 50/2006

Mobisle Communications Limited [C24655]

vs

Francielle Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Jintalab illi l-konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' mitejn u disa liri maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm209.56) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1000868 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana ghax-xhur bejn Lulju 2004 u Settembru 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-ewwel (1) ta' Marzu 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, dawk ta' l-ittra ufficjali lil

banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenuta giet debitament innotifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-20 ta' Jannar 2007, u baqghet ma dahhlet ebda risposta u lanqas ma deheret personalment ghall-udjenza tat-23 ta' Frar 2007.

Ra n-nota ta' ammissjoni li pprezentat l-Avukat Dottor Justyne Caruana ghall-konvenuta fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2007, li permezz taghha l-konvenuta ammettiet it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Wara li ra wkoll l-artikolu 9(2)(a) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa Liri Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm209.56) skond l-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' meta gew rezi s-servizzi msemmija sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kemm dawk konnessi mat-talba tas-socjeta' attrici kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 2005, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz tat-talba, u tal-ittra ufficjali spedita lill-Banek relattiva ghall-imsemmi mandat, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------